# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 192/2014**

Il-Pulizija

vs

**Alfred Fenech**

iben Anthony, imwieled Pieta', fil-21 ta' Dicembru, 1945, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 11946(M)

Illum, 21 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Alfred Fenech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghan-nom u in rappresentanza ta' STERLING HOLDINGS COMPANY LIMITED u/jew bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fl-20 ta' Dicembru, 2012 gewwa Daniels Shopping Complex, St.Joseph High Street, Hamrun, jew hu jew impjegati tieghu u/jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, offra li jipprovdi servizz lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mid-

Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o), 81 u 82 ta’ l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta’ Mejju, 2014 fejn il-Qorti fil-waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzzjoni, wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 kif ukoll il-partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni u taghha kkundannatu disa’ mitt Euro (€900).

Rat ir-rikors tal-appellant Alfred Fenech ipprezentat fid-9 ta’ Mejju, 2014 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka il-precitata sentenza tal-5 ta' Mejju 2014 u tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u minn kull piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

L-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti illi wasluha ghall-konkluzzjoni erronea.

Illi qabel xejn ghandu jigi precizat illi l-esponenti nomine gie akkuzat illi "kien sprovvdut minn cash register fiskali jew (is-sottolinear tal-esponenti) kotba tar-ricevuti fiscali bi ksur 'inter alia' tal-partiti tal-iskeda u l-artikli hemm imsemmija tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, 'inter alia', l-artiklu 77(0). Dak illi hu rilevanti fir-rigward hu l-artikolu 77(0) li jghid hekk:

"supplies or offers to supply to another person and, or puts up for sale goods, without being in possession, at the place where he supplies or offers to supply to another person and, or puts up for sale goods, of a fiscal cash register or manual fiscal reciept books as issued or approved by the Commissioner".

Ix-xhud prodott mill-Prosekuzzjoni xehed illi s-socjeta' appellanti applikat ghall-ezenzjoni fl-4 ta' Dicembru 2012 jigifieri qabel ma nfetah il-hanut in kwistjoni u tali ezenzjoni harget f'Jannar 2013. Ix-xhud l-iehor xehed illi s-socjeta' ma kienitx provvduta bi ktieb tar-ricevuti fiskali meta saret l-ispezzjoni fil-gurnata msemmija fic-citazzjoni.

John Formosa, l-accountant tad-ditta, qabel max-xhud tal-Prosekuzzjoni dwar l-esenzjoni pero' ghal dak illi jirrigwarda il-ktieb tar-ricevuti fiskali xehed illi fil-hanut fid-data tal-allegata kontravenzzjoni kien hemm il-ktieb tar-ricevuti fiskali. Hu gie kkorrobarat minn Odessa Caruana li kienet isservi fil-hanut fl-20 ta' Dicembru, 2012. II-ktieb tar-ricevuti fiskali gie effettivament esebit 'animo ritirandi'.

L-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalghet illi fil-gurnata illi saret l-ispezzjoni fil-hanut 'de quo' ma kienx hemm cash register cioe' dik is-sistema komputerizzata li kienet ghadha ma gietx approvata mid-Direttur Generali tal-Vat.  Kienet korretta ukoll tosserva li ghal kull beigh li jsir tista tinhareg ricevuta minn cash register jew sistema kompjuterizzata approvata, PERO' zbaljati meta osservat illi ricevuti manwali jinhargu biss f'kaz ta' emergenza bhal per ezernpju qtugh tad-dawl. Ir-riferenza ghall-artikolu 51 hija gratuita.

L-artikolu fuq citat 77(0) hu car u ma jaghti lok ghall-ebda ekwivoci. Ikun hemm il-htija jekk wiehed ma jkunx fil-pussess ta' wahda JEW l-ohra u ma hemm xejn f'dan l-artikolu f’liema cirkostanzi wiehed ghandu juza il-wahda jew l-ohra kif erroneament espremiet ruhha l-Ewwel Qorti. F'dan il-kaz jirrizulta manifestament car illi ghalkemm is-socjeta' kienet sprovvista mill-cash register fiskali kienet provvista mill-ktieb tar-ricevuti fiskali u isegwi li kienet konformi mal-ligi; mhux hatja ta' l-ebda kontravenzzjoni u kellha tigi liberata minn kull htija u piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Preliminarjament, jigi rilevat li l-kawza quddiem l-ewwel Qorti kienet wahda sommarja. Dan ifisser illi x-xhieda ta' dawk li xehedu ma gietx traskrittta u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma x-xhieda mill-gdid.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant fid-data tal-20 ta' Dicembru, 2012 kien jiggestixxi hanut tal-gojjellerija fid-Daniel's Shopping Complex, Hamrun. F'din id-data, saret ispezzjoni da parti ta' ufficcjali tal-VAT office biex jigi accertat li l-hanut kien jiffunzjona regolarment ghal dak li jirrigwarda t-taxxa tal-VAT.

Meta l-ispettur dahal fil-hanut, hu sab lil Odessa Caruana li dak in-nhar kienet is-salesgirl hemmhekk. Jirrizulta li s-sistema kompjuterrizat ma kellhux il-permess mehtieg. Jirrizulta li l-appellant kien applika fid-data tal-4 ta' Dicembru, 2012 izda l-permess hareg biss fix-xahar ta' Jannar tas-sena 2013.

Illi l-ligi timponi a tenur tal-artikolu 77(o) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk dan is-sistema ma jkunx qed jopera, il-hanut in kwistjoni ghandu jkun provvist minn ktieb tar-ricevuti mahrug mid-Dipartiment tal-VAT, biex wara kull bejgh il-persuna li tkun xtrat xi oggett minn tali hanut jinghata ricevuta. L-ewwel Qorti ma kinitx ezatta meta qalet li r-ricevuti manwali jistghu jinhargu biss f'kaz ta' emergenza meta, per ezempju, jinqata d-dawl. L-artikolu in kwistjoni juza l-kelma "JEW". Ghalhekk, hanut jista' jkollu sistema kompjuterizzat jew juza s-sistema tar-ricevuti manwali.

Illi l-kwistjoni ddur fuq il-fatt jew f'dak il-hanut kien hemm jew le ktieb tar-ricevuti. Skont ix-xhieda ta' l-ispettur tal-VAT hu staqsa lill-impjegata jekk kellhiex dan il-ktieb u hi rrispondiet fin-negattiv. Meta xehdet quddiem din il-Qorti, l-impjegata ma ftakret xejn ghajr ghall-fatt li fl-istabilimenti tas-socjeta' Sterling Holdings Company Limited dejjem ikun hemm dan il-ktieb. Xehed ukoll l-accountant ta' din is-socjeta' li pprezenta l-ktieb li skont hu kien jinsab f'dan il-hanut partikolari.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti x-xhieda moghtija mill-ispettur tal-VAT hi aktar kredibbli u ghalhekk l-appell ma jistx jigi milqugh ghal dak li jirrigwarda htija. Min-naha l-ohra l-inezattezza ta' l-ewwel Qorti ghandha ggib temperament fil-piena.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata kontra Alfred Grech. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant Alfred Fenech ghal hlas ta' multa ta' seba' mitt euro (€700).